

# ANTONIO SCOTTO (1907–1963) U L-GWERRA

Fi żmien il-gwerra, f'Għawdex kienu ddistingwew ruħhom diversi persuni, kemm Għawdxin u kemm Maltin, li b'mod jew ieħor, irnexxielhom jagħmlu ħafna ġid billi jew ħallew xi opra jew inkella ħadmu qatigħ biex għollew il-moral tal-poplu u ferrxu kontribut mod ieħor. Dan meta l-għadu kien qiegħed jaħbat għalina mingħajr ħniena. Hekk insemmi lil Kelinu Vella Haber (1913–2014), lil Ġorġ Pisani (1909–1999), lill-Kaptan Frank Debono, (1914–1991) lil Koli Apap (1921–1989) lil Ġużè Orlando Smith (1898–1962), lis-Surmast Vincenso Bugeja (1910–1967), lill-Pittur Ġużeppi Briffa (1901–1987) u mhux l-inqas lil Antonio Scotto, u li dwaru sejjer nikteb.[1]

Tul l-għexieren ta' snin, mindu spiċċat il-gwerra nkiteb ħafna fuq l-ewwel sitta, iżda xejn dwar Antonio Scotto, li tul il-gwerra, ix-Xagħra, fejn kien joqgħod għen mhux biss lill-poplu Xagħri f'dawk il-ħtiġijiet tant neċessarji li kienu nieqsa fi żmien il-gwerra, imma għen, bħala ġentlom, lill-bdiewa tax-Xagħra, lill-ħaddiema tal-Gvern, organizza ċelebrazzjonijiet ta' propaganda biex jgħolli l-moral tal-poplu, u saħansitra kien jindaħal biex jgħin xi individwu li kien imur għandu fi Triq Jannar biex jiktiblu xi ittra għal xi bżonn. Kien imperjalista mill-kbar li għen lill-Gvern Ingliż fi żmien il-gwerra biex f'Għawdex twaqqfet il-*Home Guard* fil-11 ta' Lulju 1941, u biex il-kaċċaturi u l-bdiewa tax-Xagħra jidħlu fiha. Għen ukoll lill-Gvern Ingliż biex f'Għawdex inġabar tant qamħ mingħand il-bdiewa meta kien hawn ġuħ u għaks la ssemmix, u għamel dak kollu possibbli biex l-għalf tal-bhejjem lill-bdiewa ma jonqosx, u biex meta ġara hekk, iġibuh malajr Għawdex minn Malta, u saħansitra kien jasal biex isemma' leħnu fuq xi gazzetta. Kien jappoġġja lill-*Imperialist Youth Movement* f'Għawdex li kellha ideali imperjalisti u ħabrek biex fil-gwerra nġab ir-*Rediffusion* ix-Xagħra, u twaħħal mal-Għassa tal-Pulizija fi Triq l-Arċipriet Ġużepp Diacono. Meta kien jorganizza xi mitings fil-Pjazza tax-Xagħra, kien jitla' fuq kaxxa ħdejn is-Salib fil-Pjazza tal-Knisja, u minn hemm ikellem lill-poplu. Kien bniedem li jħobb jilbes ... dejjem pulit u xogħlu kien mal-Uffiċċju tal-Protezzjoni biex jgħin u jassisti lill-*Assistant Protection Officer*, biex fix-Xagħra jkun hemm tqassim ta' razzjon sewwa, biex ir-refuġjati Maltin isibilhom fejn joqogħdu, biex ix-Xagħra jkollha x-xeltrijiet tagħha u ħwejjeġ bħal dawn.

Antonio Scotto twieled il-Belt Valletta, Malta, fis-7 ta' Mejju 1907,[2] bin Felice u Anna née Spiteri. Kien bniedem intelliġenti, moħħu miftuħ, ambizzjuż, u kien iħabrek biex jilħaq l-għanijiet ta' destinu. Huwa ma ġiex Għawdex mal-bqija tar-refuġjati fi żmien is-snin tal-gwerra, iżda kien wasal u għażel li joqgħod Għawdex qabel ma faqqgħet il-gwerra. Fil-fatt ix-Xagħra fejn kien joqgħod, ħa grazzja ma' Rita Bartolo (Tat-Tliet Ħabbieta) minn Triq Spiera u żżewwiġha l-Ħamrun, Malta, fl-14 ta' April 1939[3]. Rita kienet bint Giovanni Bartolo u Francesca née Teuma, it-tnejn mix-Xagħra, tifla fost sitt aħwa, tfajla tar-raba' li miż-żwieġ ma' Antonio Scotto kellha tmien ulied; sitt subien u żewġ bniet li kienu: Joe, Felix, Roger, Tony, Louis, Francis, Vicky u Anna. Wieħed għandu jinnota li Antonio semma żewġt itfal għal missieru u ommu. Kif għidt Antonio Scotto kien imperjalista u Stricklandjan mill-kbar. Minħabba li t-tendenza dakinhar kienet li triqat u pjazez b'ismijiet Taljani jiġu mibdula għal ismijiet Ingliżi bħalma kienet *Piazza Reale* (Il-Pjazza tat-Tokk) u *Corso Fortunato Mizzi,* ir-Rabat, huwa saħansitra beda jiffirma u jsejjaħ lilu nnifsu Anton Scott jew Tony Scott minflok Antonio Scotto.

Bit-tħabrik tiegħu fil-25 ta' April 1942, ix-Xagħra saret għall-ewwel darba t-tifkira tal-*A.N.Z.A.C. Day* (*Australian and New Zealand Army Corps*) bħala tislima lejn dawk il-vittmi li fl-1915 sbarkaw fix-xtut ta' Gallipoli biex jieħdu d-Dardanelli, u kienet disfatta. Din l-okkażjoni kienet organizzata bit-tħabrik tiegħu. Il-M.V.D.F. għamlu parata filgħodu u tkellem il-Kaptan Frank Debono, fejn fakkar lil dawk il-qalbiena li fl-ewwel gwerra dinjija tilfu ħajjithom biex tinkiseb ir-rebħa. Wara tpoġġew il-kuruni mill-*Boy Scouts* tax-Xagħra, mill-Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa, mit-tfal tal-iskola u oħra f'isem l-Għaqda Ħaddiema tal-Gvern.[4] Tony Scott kien protoganista biex f'Għawdex twaqqfet il-*Home Guard* jew il-*Malta Volunteer Defence Force*. Koli Apap, ġurnalista dak iż-żmien, kiteb hekk dwar il-*Home Guard* f'Għawdex u l-involviment ta' Anton Scott:

*It-Twaqqif tal-M.V.D.F. Ġewwa Għawdex*[5]

*Sur Editur, Ftit tal-jiem ilu hawn f'Għawdex saru sejħat, saħansitra wkoll mill-Parroċċi tal-irħula u tal-Belt Victoria, sabiex il-kaċċaturi Għawdxin jidħlu fil-M.V.D.F. li twaqqfet f'din il-Gżira bis-saħħa tas-Suprintendent tal-Pulizija, is-Sur Depiro, u tal-Ispettur Borg, tnejn min-nies li dejjem qdew dmirijiethom bl-ikbar reqqa. Sirna nafu min-nies ta' min jorbot fuqhom li f'kull raħal inħatru xi nies sabiex jieħdu taħt it-tmexxija tagħhom il-kaċċaturi ta' dak ir-raħal jew l-ieħor, u kif għarrfuna dawn ġa bdew jaħdmu bla mistrieħ ta' xejn ħalli jiġbru għadd kbir ta' kaċċaturi. Tkun ħaġa ferm xierqa u sabiħa jekk l-impjegati tal-Gvern ikunu minn tal-ewwel li jidħlu fil-M.V.D.F. Bħalma jaf kulħadd, hawn f'Għawdex hemm ħafna kaċċaturi li huma impejgati tal-Gvern u għalhekk jekk dawn jidħlu fil-M.V.D.F. jinkuraġixxu 'l-ħaddieħor. F'Għawdex insibu wkoll li ħafna kaċċaturi huma bdiewa, u għalhekk nistennew li ssirilhom sejħa ġenerali mill-fergħa tal-Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa li tinsab imwaqqfa fix-Xagħra bis-saħħa tas-Sur Ġużè Farrugia u tas-Sur Anton Scott. Id-difiża tal-gżejjer tagħna qiegħda ssejjaħ lill-kaċċaturi kollha Għawdxin ħalli jidħlu fil-M.V.D.F., u għalhekk hu dmir qaddis ta' kull kaċċatur li jwieġeb għas-sejħa tal-Awtoritajiet.*

*Koli Apap*
*Victoria - 15.7.1941*




Fis-17 ta' Mejju 1942, fil-post bin-numru 25 fi Triq Spiera, ix-Xagħra, saret laqgħa tal-Għaqda Ħaddiema tal-Gvern (Fergħa ta' Għawdex), biex itejbu l-kundizzjonijiet tagħhom. Il-membri tal-kumitat li ntgħażlu dakinhar kienu: President Onorarju: Tony Scott; Segretarju: M'Anġ Cordina; Kaxxier: Nazzareno Buttigieg; Membri: Fredu Bartolo, Ġużepp Bajada, Anġlu Vella, J. Bajada, A. Bigeni u Toni Galea. L-Għaqda, filwaqt li raddet ħajr lil William Dobbie, awgurat lill-Gvernatur il-ġdid Viscount Lord Gort. L-Għaqda wriet ix-xewqa wkoll biex f'Għawdex jinfetħu fergħat tal-*British Institute.*[6]

Fl-24 ta' Mejju 1942, tfakkret l-*Empire Day* bit-tħabbrik ta' Tony Scott bil-għan li jgħolli l-moral tal-poplu f'dawk ix-xhur meta l-għadu ħalef li ma jħallix ġebla fuq ġebla f'Malta u f'Għawdex. Saret għalhekk kommemorazzjoni fil-Pjazza tax-Xagħra bħala għelm ta' lealtà lejn l-Imperu Ingliż. Kommemorazzjonijiet bħal dawn kienu ta' siwi biex jinżamm kemm jista' jkun għoli l-moral tal-poplu favur l-Ingilterra, u l-awtorijiet Ingliżi kienu jieħdu pjaċir bihom u jinkuraġġuhom.[7] Ix-Xagħra sa dakinhar kienet diġà sofriet żewġ bumbardamenti kbar u mietu n-nies. Għalhekk l-importanza ta' dak kollu li kien qiegħed jagħmel Anton Scott.

Meta s-Sibt, it-23 ta' Jannar 1943, tħabbar mir-radju li l-għadu kellu jħalli Tripli għall-forzi alleati, inġabru tant nies wara l-Uffiċċju tal-Informazzjoni fit-Tokk, ir-Rabat, li malajr saret dimostrazzjoni spontanja hemm. Fi ftit sigħat, Għawdex kien mimli kartelluni bojod u ħomor, imħejjija minn qabel minn dan l-uffiċċju. Fuqhom kien hemm dan il-kliem: *Tripli f'idejn l-Ingliżi - Dalwaqt ikeċċuhom minn l-Afrika kollha, imbagħad mill-Ewropa*. Waranofsinhar il-banda *La Stella*, immexxija mis-Surmast Giardini Vella, ħarġet tferraħ it-triqat tar-Rabat. Il-marċ baqa' sejjer ħdejn il-lukanda *Duke of Edinburgh*, it-Tiġrija, fejn imbagħad il-bandisti ntlaqgħu minn sid il-lukanda Pawlu Portelli. Fi triqitha lura l-banda waqfet quddiem il-Palazz u tbierket mill-Isqof ta' Għawdex Mons Mikiel Gonzi li ħareġ fil-gallerija jsellem lill-folla. Id-dimostrazzjoni brijuża laħqet il-qofol tagħha fil-Pjazza tat-Tokk meta Ġorġ Pisani, Assistent Uffiċjal tal-Informazzjoni għal Għawdex, kellem lill-folla miġbura. Għall-kliem imħeġġeġ u patrijottiku ta' Ġorġ Pisani, il-folla ma setgħetx tieqaf mill-għajat u ċ-ċapċip. L-għada l-Ħadd 24 ta' Jannar, il-banda *Leone* għamlet waranofsinhar marċ ieħor ir-Rabat. Reġa' sar kollox bħal jum ta' qabel fost l-entużjażmu tan-nies u l-briju fi Triq it-Tiġrija u fit-Tokk. L-Isqof reġa' ħareġ isellem u jbierek lin-nies, filwaqt li Pisani u l-Kummissarju George Ransley kellmu lill-folla fit-Tokk. Wara, dawk kollha miġbura semgħu xi ħaġa li kien ilhom ma jisimgħuha. Dan kien il-ħoss tal-isparar tal-musketterija. F'dak l-istess jum filgħodu, kienet ukoll saret ix-Xagħra dimostrazzjoni

oħra bid-daqq tal-banda *Victory* tar-raħal. Il-marċ spiċċa quddiem l-Uffiċċju tal-Informazzjoni fil-Pjazza tal-Knisja, fejn kien hemm jistennewhom George Ransley u Ġorġ Pisani. Dawn kellmu lill-folla numeruża fil-Pjazza, fost ħafna interventi ta' ċapċip. Wara tkellem Tony Scott, li għadda riżoluzzjoni fost ħafna ċapċip biex il-Pjazza tax-Xagħra tiġi msemmija *Montgomery Square*. It-Tnejn, 25 ta' Jannar 1943, in-Nadur saret dimostrazzjoni għar-rebħa ta' Tripli. Tkellmu Ransley u Kelinu Vella Haber, li ntlaqgħu bl-akbar applawsi. Wara saret laqgħa fl-Uffiċċju tal-Informazzjoni fil-Pjazza tal-Knisja, fejn fost il-personalitajiet distinti kien hemm ukoll is-Supretendent Depiro, l-Avukat Arturo Valenzia, il-Perit Ġużeppi Savona u oħrajn.[8]

Jerġa', il-Ħadd 21 ta' Frar 1943, fil-Pjazza tat-Tokk, ir-Rabat, saret ċerimonja ta' tifkira għall-mejtin Russi tal-Armata l-Ħamra.[9] Din l-armata twaqqfet u ġġieldet bis-sħiħ fi żmien ir-Rivoluzzjoni Russa, u fi żmien it-tieni gwerra ġġieldet kontra suldati Ġermaniżi fl-invażjoni Nazista (Operazzjoni Barbarossa) fl-Unjoni Sovjetika. F'dak il-jum ukoll, il-Għaqda Ħaddiema mal-Gvern (Fergħa Għawdex) taħt il-president tagħha Tony Scott, għamlet laqgħa ġenerali fix-Xagħra. Scott ta merħba lill-mistieden Ġużè Orlando Smith li għamel taħdita dwar il-ħidma kbira li għamlet l-għaqda minn mindu twaqqfet. Wara tkellem Tony Scott u ressaq riżoluzzjoni biex issir talba lill-gvern ħalli minflok sitt ijiem fis-sena, il-ħaddiema jieħdu sebat ijiem btala. Il-Kumitat tal-Għaqda maħtur għall-1943–1944 kien magħmul hekk: President - Tony Scott; Viċi President u Kaxxier - Francis Attard; Segretarju - Mikelanġelo Cordina; Membri - J. Bajada, Fortun Cordina, Wiġi Bezzina, Emanuel Galea, Emanuel Theuma, Vitor Bigeni, Emanuel Bajada u Nazzareno Buhagiar.[10]



Il-Ħadd 16 ta' Mejju 1943, saret in-Nadur u x-Xagħra tifkira tar-Rebħa ta' Tuneż. Tan-Nadur saret fl-10 ta' filgħodu. Pisani u Ransley kellmu lill-folla fil-Pjazza tal-Knisja fost ħafna entużjażmu. Waranofsinhar, tifkira simili saret ix-Xagħra. Il-banda tax-Xagħra ħarġet tferraħ lin-nies mat-toroq ewlenin tar-raħal. Wara, il-banda waqfet ħdejn l-Uffiċċju tal-Informazzjoni fil-Pjazza tal-Knisja u hemm fost l-entużjażmu tal-folla, tkellmu Pisani u Ransley. Tony Scott ippropona żewġ minuti silenzju għal dawk li taw ħajjithom għal dik ir-rebħa. Wara ndaqq il-*God Save The King*.[11]

Fid-29 ta' Mejju 1943, il-Gvernatur Lord Gort għamel żjara uffiċjali f'Għawdex[12]. Tony Scott iltaqa' miegħu, u tah x'jifhem li l-moral tal-poplu Għawdxi, wara r-rebħiet tal-Alleati fl-Afrika ta' Fuq, jinsab għoli. Fit-30 ta' Mejju 1943, ix-Xagħra saret tfakkira ta' jum twelid Lord Strickland. Għall-okkażjoni, f'nofs il-pjazza tpoġġa kwadru kbir bil-kulur ta' Lord Gerald Strickland (li miet fit-22 ta' Awwissu 1940) li madwaru nġabru bosta nies biex jarawh u biex jisimgħu mingħand il-kelliem il-kontribut li ta Lord Strickland. Din it-tfakkira tmexxiet minn Tony Scott li wkoll għamel kelmtejn tal-okkażjoni.[13]

F'laqgħa tal-imseħbin kollha li saret ix-Xagħra mill-Għaqda Ħaddiema tal-Gvern (Fergħa Għawdex), nhar il-Ħadd 11 ta' Lulju 1943, u li fiha mexxa l-President Tony Scott, tgħaddew xi riżoluzzjonijiet. Fosthom, li tiġi mitluba żieda fil-*War Bonus* għall-ħaddiema tal-gvern u li l-gvern jagħti uniformi tax-xogħol lill-kenniesa u lill-ħaddiema tad-drenaġġ.[14] Ta' min ifisser hawn li konsegwenza tal-gwerra, l-oġġetti tal-ħajja għolew u għalhekk il-gvern kien iħobb jagħti xi sussidju żgħir. Hekk, pereżempju f'April 1941, il-gvern ta *War Bonus* ta' tliet xelini fil-ġimgħa lill-ħaddiema kollha tal-gvern li kienu jaqilgħu inqas minn mitt lira fis-sena. Dan il-*War Bonus* ġieli varja u fl-eqqel tal-gwerra l-ħajja tant għoliet li l-gvern kellu bilfors jgħolli l-*War Bonus*. F'Jannar 1942 dawk il-ħaddiema kollha li kienu jaqilgħu inqas minn 23 xelin fil-ġimgħa, bdew jingħataw *War Bonus* ta' disa' xelini fil-ġimgħa u lil dawk li kienu jaqilgħu inqas minn 35 xelin fil-ġimgħa kellhom *War Bonus* ta' sitt xelini fil-ġimgħa, u min kellu aktar minn hekk kien jingħata *War Bonus* ta' tliet xelini fil-ġimgħa.[15]

Ta' min isemmi li fi żmien il-gwerra kien hawn f'Malta u Għawdex l-Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa li l-President tagħha kien il-Kurunell Roger Strickland u s-Segretarju tagħha kien Carm Zammit Marmarà. F'Jannar 1942 kellha aktar minn 2300 bidwi msieħeb fiha, u sa nofs Lulju 1942, it-total żdied aktar minn 3000. Kull min kien membru kien iħallas sitt soldi fis-sena. Din l-Għaqda ħadmet bi sħiħ fi żmien il-gwerra u għenet kemm lill-bdiewa u kemm lill-pajjiż f'ċirkustanzi koroh. Permezz ta' din l-Għaqda, tressaq bosta drabi t-tgemgim tal-bdiewa lill-Gvern. Min-naħa l-oħra l-Għaqda għenet lill-Gvern f'għadd ta' kwistjonijiet u diffikultajiet mal-bdiewa fosthom il-famuża ġabra tal-qamħ fis-sajf 1942. Mis-Segretarju tagħha Carm Zammit Marmarà kienu jsiru taħditiet lill-poplu minn fuq ir-*Rediffusion*, biex il-bdiewa jilqgħu aktar is-sagrifiċċji ta' pajjiżna. Fl-Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa kien hemm ħafna mseħbin Għawdxin, u Tony Scott kien għal din l-Għaqda, President Onorarju tal-Fergħa tal-Bdiewa Għawdxin.[16] Fl-1941, Carm Zammit Marmarà kien għamel tliet żjarat f'Għawdex biex jiltaqa' mal-bdiewa Għawdxin u jisma' l-ilmenti tagħhom.[17] Huwa kien iħobb ipoġġi fil-lukanda *Duke of Edinburgh* u Tony Scott kien dejjem ikun preżenti. Kelinu Vella Haber, ħabib tiegħi, qalli li hu u Tony Scott kienu jikkoperaw ħafna flimkien fejn jidħlu l-bdiewa u semmieli ċ-ċirkustanzi diffiċli meta hu u Tony Scott kienu jindirizzaw messaġġi lill-bdiewa biex dawn

jagħtu l-qamħ lill-pajjiż.[18] Kelinu kompla jżid kemm kien raġel fuq tiegħu, u ma jibża' minn xejn u kien kontra dawk il-Pro-Taljani li f'Għawdex, skont hu, ma kinux jagħmlu ħlief ħsara. Bl-inizjattiva ta' Kelinu Vella Haber, fis-7 ta' Ġunju 1942, in-Nadur twaqqfet fergħa oħra tal-bdiewa. Il-President kien Dun Karm Caruana, it-Teżorier kien Kurun Tabone filwaqt li s-Segretarju kien Kelinu Vella Haber stess.[19] F'dan ir-raħal din l-għaqda ħadmet ħafna fis-sajf 1942, biex jingabar il-qamħ mingħand il-bdiewa tal-lokal. Kemm Tony Scott u kemm Kelinu Vella Ħaber kienu jżommu kuntatt flimkien biex jiddefendu lill-bdiewa. Fil-fatt matul il-gwerra hemm diversi lmenti minn Tony Scott li l-bdiewa kien jonqoshom daqqa ħaġa u daqqa oħra. F'*Il-Berqa* tal-10 ta' Marzu 1942 biex jilqa' għall-fatt li l-bdiewa Għawdxin ma għandhomx għalf x'jagħtu lill-bhejjem, Tony Scott kiteb hekk:

*L-Għalf tal-Bhejjem f'Għawdex*[20]

*Għażiż Sur Editur, Il-Gvern jinħtieġlu jgħarbel bir-reqqa l-kustjoni tal-ġwież f'Għawdex minħabba d-diffikultajiet kbar li qegħdin jiltaqgħu magħhom il-bdiewa Għawdxin biex jiksbu r-razzjon li joħroġ il-Gvern. Il-qagħda tan-nies li għandhom il-bhejjem saret waħda li ġġiblek ħasra u donnha sejra dejjem mill-ħażin għall-agħar. Saħansitra hemm bdiewa li għad għandhom f'idejhom permess għax-xiri tal-ġwież bid-data ta' Ottubru 1941 mingħajr ma jafu x'għandhom jagħmlu b'dawn il-permessi, il-għaliex ma jistgħux isibu mnejn jixtru dak li jinħtieġu. Jekk il-Gvern irid li din il-kustjoni tiġi meħuda bis-serjetà, il-fergħa tal-Bdiewa ta' Għawdex, tinsab lesta biex tagħżel membri minnha nfisha u dawn il-membri jagħtu tagħrif bir-reqqa dwar ir-rapporti li għandu l-kumitat minn għadd ta' bdiewa u dwar il-ħażniet u l-bejgħ bil-moħbi ta' għalf għall-bhejjem minn spekulaturi li jiġbdu dejjem lejhom biex jiksbu qligħ esaġerat. Il-Fergħa tal-Għaqda tal-Bdiewa tinsab dejjem lesta biex tgħin lill-Gvern f'dawk il-ħtiġijiet li jolqtu lill-bidwi, biex jinkiseb it-trasport meħtieġ biex jinġarru għalf u bżonnijiet oħra minn Malta għal Għawdex. B'danakollu l-Gvern ikun jiħtieġlu dejjem li jieħu passi qawwija b'multi ta' somom kbar, kontra dawk l-ispekulaturi li qegħdin japprofittaw ruħhom biex jagħmlu qligħ esaġerat minn fuq dahar il-bdiewa u s-sidien l-oħra tal-bhejjem li jridu jitimgħu l-annimali tagħhom.*

*Tony Scott*
*Xagħra - 8.3.1942*

Meta l-Alleati ħadu lil Sqallija, u fit-8 ta' Settembru 1943, waqt li kienet qed issir il-Purċissjoni bil-Bambina, ix-Xagħra, waslet l-aħbar li l-Italja ċediet, il-qniepen tax-Xagħra daqqu bla heda għal din il-bxara, biex wara ngħaqdu mal-qniepen tal-knejjes ma' Malta u Għawdex biex ifakkru din ir-rebħa. Ta' min isemmi li fil-jiem ta' wara Tony Scott għamel miting fil-Pjazza tax-Xagħra u għadda riżoluzzjoni biex il-Pjazza tal-Knisja tissemma Pjazza l-Vittorja, jiġifieri l-Pjazza tar-Rebħa, kif naħseb aktar kien jixraq! Illum din il-Pjazza hija msemmija Pjazza l-Vitorja (għall-Bambina) u mhux Pjazza l-Vittorja. Għaliex?

Tony Scott wara l-gwerra telaq lejn Malta ... u għal żmien kien siefer lejn l-Ingilterra. Huwa miet Bormla fejn kien joqgħod, fl-10 ta' Jannar 1963 fl-għomor ta' 55 sena biss.[21] Martu, Rita, mietet ukoll Bormla fid-9 ta' Awwissu 1994.[22] Illum, uħud mit-tfal tiegħu huma mejtin filwaqt li Roger, Joe, Tony u Vicky għadhom ħajjin.[23]

Naturalment, illum, għexieren ta' snin wara li ntemmet il-gwerra, huma biss ix-xjuħ nett tax-Xagħra, dakinhar tfal, li għadhom jiftakru f'Tony Scott u l-ħidma tiegħu bħala patrijott leali lejn pajjiżna, dak iż-żmien taħt l-Imperu Ingliż. Huwa stinka kemm felaħ u ta kontribut bla heda lejn ir-raħal tax-Xagħra. Kien juri bla tlaqliq ta' kliem kemm kien kontra dawk li kienu jgħidu li forsi għad inċedu, u flok l-Ingliżi jibdew jikkmandawna l-Faxxisti u n-Nazisti. Għalhekk ix-Xagħra saru daqshekk ċelebrazzjonijiet minnu. Hija ħasra li tul dawn is-snin kollha ħadd ma kiteb xejn dwaru, u kien għaldaqsant li jien tħabatt u għamilt riċerka biex b'mod jew ieħor, niġbor l-informazzjoni dwaru, qabel ikun tard wisq. Kemm jien u kemm il-mejjet missieri, Frank Bezzina (1925–1996), studjuż tal-gwerra, u li mingħandu writt it-testment tal-istorja tal-gwerra f'Għawdex, għamilna minn kollox biex dawk il-vittmi Għawdxin minsija tal-gwerra, biex dawk li fil-gwerra kienu responsabbli minn xi ħaġa importanti, u biex dawk li taw kontribut fejjiedi b'mod jew ieħor f'Għawdex, ma jintesewx, u nfakkruhom f'ġieħ l-istorja u l-ġenerazzjonijiet ta' issa u ta' għada.

---

1 Ħajr lis-Sur Victor J. Galea ta' xi tagħrif li tani, u lis-Sur Joseph Attard Tabone ta' xi informazzjoni, u tar-ritratti ta' Antonio Scotto li għoġbu jagħtini.
2 Ara PRM, Twelid, 1907/3251.
3 Ara PRM, Żwieg, 1939/500.
4 *Il-Berqa*, 27 ta' April 1942, 4. Ara wkoll *Il-Berqa*, 29 ta' April 42, 2.
5 *Il-Berqa*, 28 ta' Lulju 1941, 3.
6 *Il-Berqa*, 9 ta' Ġunju 1942, 4.
7 *Il-Berqa*, 23 ta' Mejju 1942. Ara wkoll *Il-Berqa*, 6 ta' Ġunju 1942.
8 Ara "Il-Waqgħa ta' Tripli mfakkra f'Għawdex" f'*Il-Berqa*, 29 ta' Jannar 1943, 2.
9 *Il-Berqa*, 23 ta' Frar 1943, 2.
10 *Il-Berqa*, 1 ta' Marzu 1943, 2.
11 Ara "Il-Rebħa tat-Tuneżija" f'*Il-Berqa*, 20 ta' Mejju 1943, 2.
12 *Il-Berqa*, 1 ta' Ġunju 1943, 2.
13 *Il-Berqa*, 5 ta' Ġunju 1943, 4.
14 *Il-Berqa*, 16 ta' Lulju 1943, 2.
15 Joseph Micallef, *When Malta Stood Alone, Malta*, 1981, 108-110.
16 *Il-Berqa*, 8 ta' Jannar 1942, 2.
17 *Il-Berqa*, 24 ta' Frar 1942, 2.
18 Tagħrif mogħti minn Kelinu Vella Haber lil Charles Bezzina – 16 ta' Awwissu 1999.
19 Ara "Għaqda tal-Bdiewa: Distrett tan-Nadur" f'*Il-Berqa,* 9 ta' Lulju 1942, 4.
20 *Il-Berqa*, 10 ta' Marzu 1942, 4. Ara wkoll "Bdiewa Bla Ġwież għall-Bhejjem f'Għawdex" ta' Koli Apap f'*Il-Berqa,* 27 ta' Mejju 1941, 3.
21 Ara PRM, Mewt, 1963/295.
22 Il-Berqa, 10 ta' Awwissu 1994, 25.
23 Ħajr lis-Sur Charles Debono, Kuratur tal-Mużew tal-Gwerra, tat-tagħrif li tani dwar it-tfal ta' Antonio Scotto. Ta' min jgħid li Antonio Scotto jiġi nannuh.

**© Copyright - Charles Bezzina - 2017**